# Il-mixja lejn tagħlim tul il-ħajja biex tintlaħaq il-mira ta' żvilupp sostenibbli

## BirdLife Malta tippreżenta l-programm tagħha 'Lifelong Learning through Nature' waqt il-World Symposium on Lifelong Learning and Sustainable Development

BirdLife Malta llum kienet mistiedna biex tingħaqad ma' istituzzjonijiet u NGOs lokali u internazzjonali oħra minn madwar id-dinja biex tippreżenta r-riżultati tal-istudju indipendenti li sar dwar il-proġett tagħha 'Lifelong Learning through Nature' (LLN) waqt il-**World Symposium on Lifelong Learning and Sustainable Development** fil-Belt Valletta.

Dan is-simposju, li qed jiġi ospitat mill-Università ta' Malta bejn il-Ħamis 2 u s-Sibt 4 ta' Marzu, qed jiffoka fuq it-tisħiħ tar-riżorsi f'dan il-qasam u qed iservi bħala vetrina tal-esperjenzi miskuba mir-riċerka, proġetti u eżempji ta' *best practice* li jistgħu jkunu utli u jservu biex jiġu implimentati madwar id-dinja.

Riċerkaturi fil-qasam tal-edukazzjoni u s-sostenibbiltà minn madwar id-dinja qed jippreżentaw ix-xogħol tagħhom tul dan is-simposju li kien inawgurat mill-Ministru Malti għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima Josè Herrera lbieraħ filgħaxija u jkompli llum u għada.

Bil-kontribut tagħha għad-diskussjoni permezz tal-preżentazzjoni bit-titlu "An Analysis of the Effectiveness of the Lifelong Learning through Nature Programme", BirdLife Malta wriet kif bis-saħħa tal-inizjattiva edukattiva tagħha 'Lifelong Learning through Nature', hija qiegħda għal darba oħra tkun *leader* fil-ħidma biex tfal u żgħażagħ jiġu mgħallma jirrispettaw l-ambjent fl-istil ta' ħajja li jgħixu, apparti li jirrelataw aktar man-natura.

L-inizjattiva LLN ta' BirdLife Malta hija proġett mifrux fuq tliet snin iffinanzjat minn fondi tal-Erasmus+ u tfassal biex jiżviluppa riżorsi għal edukazzjoni ambjentali u edukazzjoni marbuta mal-iżvilupp sostenibbli bl-użu ta' riċerka li turi kemm it-tagħlim barra mill-klassi flimkien mal-fatt li wieħed jirrelata man-natura huma importanti għas-saħħa, il-*wellbeing* u l-edukazzjoni. Il-proġett qed jaħdem mill-qrib ma' tfal u studenti mis-snin bikrija sal-Post-Sekondarja permezz ta' attivitajiet edukattivi formali u informali li jixhdu l-importanza tat-tagħlim barra mill-klassi. Bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, dan il-proġett qed jitmexxa b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u ma' tliet imsieħba internazzjonali: ir-Royal Society for the Protection of Birds (RSPB) tar-Renju Unit, BirdWatch Ireland, u l-Polish Society for the Protection of Birds (OTOP).

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

Il-preżentazzjoni ta' BirdLife Malta dwar dan il-proġett waqt is-simposju saret mill-Education Officer tal-NGO Sarah Brady filwaqt li Dr Mark C. Mifsud – li għamel studju ta' riċerka dwar il-proġett LLN f'isem l-Università ta' Malta – spjega kif dan il-proġett wera l-ħtieġa ta' aktar tagħlim barra mill-klassi f'Malta, kif ukoll li l-edukazzjoni li tingħata barra mill-klassi hi importanti għat-tfal biex ikomplu jiżviluppaw b'mod san u biex ikollhom esperjenza aktar utli ta' tagħlim.

Dan is-simposju jsegwi s-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar fi New York f'Settembru 2015, li kien wassal biex ġiet adottata aġenda ġdida għall-iżvilupp sostenibbli li tibni fuq it-tmien Miri tal-Millennju għall-Iżvilupp (Millennium Development Goals). Id-delegati li hawn f'Malta bħalissa qed jesploraw u jressqu 'l quddiem eżempji u studji konkreti li juru kif it-tagħlim kontinwu tul il-ħajja jista' jwassal biex tintlaħaq il-mira ta' żvilupp sostenibbli.

Minkejja li huwa stabbilit li edukazzjoni ta' kwalità hija l-pedament għat-titjib fil-kwalità tal-ħajja u l-iżvilupp sostenibbli, u għalkemm sar ħafna progress biex jiżdied l-aċċess għall-edukazzjoni fil-livelli kollha, xorta hemm lok għal aktar titjib f'dan ir-rigward.

**TMIEM**

**Nota għall-edituri:**
Il-World Symposium on Lifelong Learning and Sustainable Development hu organizzat miċ-Ċentru għall-Edukazzjoni Ambjentali u r-Riċerka tal-Università ta' Malta flimkien mal-Manchester Metropolitan University (Renju Unit), il-Hamburg University of Applied Sciences (Ġermanja) u l-Inter-University Sustainable Development Research Programme (IUSDRP) b'koperazzjoni ma' diversi organi tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), aġenziji u awtoritajiet tal-gvern, universitajiet, intrapriżi, NGOs u organizzazzjonijiet oħra minn madwar id-dinja. Is-simposju qed jitlaqqa' fuq il-Kampus tal-Università ta' Malta fil-Belt Valletta.

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Il-proġett LLN ta' BirdLife Malta:
- http://birdlifemalta.org/education/lln-2/

Il-World Symposium on Lifelong Learning and Sustainable Development:
- https://www.um.edu.mt/ceer/conferencesevents/worldsymposiumonlifelonglearningandsustainabledevelopment
- https://www.um.edu.mt/events/lllsd2017

**Ritratti (mehmużin):**
- L-Education Officer ta' BirdLife Malta Sarah Brady u Dr Mark C. Mifsud huma u jagħmlu l-preżentazzjoni tagħhom (Ritratti ta' BirdLife Malta)